Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,540, 18 ta' Novembru, 2025
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXVI tal-2025

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex ikompli jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452.

ACT No. XXXVI of 2025

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to further amend the Employment and Industrial Relations Act, Cap. 452.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

18 ta’ Novembru, 2025

ATT Nru XXXVI tal-2025

ATT sabiex ikompli jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b’liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att huwa l-Att tal-2025 li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Emenda Nru 3), u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, hawn iżjed ’il quddiem imsejjaħ l-"Att prinċipali".

Kap. 452.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2026.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

2. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-verżjoni bl-Ingliż biss, it-tifsira "confinement" għandha tiġi mħassra;

(b) it-tifsira "ħlas" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "ħlas" tfisser it-twelid ta' tarbija, sew ħajja jew mejta, li jseħħ mit-tnejn u għoxrin (22) ġimgħa tat-tqala 'l quddiem;".

Emenda tal-artikolu 36 tal-Att prinċipali.

3. Fil-verżjoni bl-Ingliż biss, fis-subartikolu (17) tal-artikolu 36 tal-Att prinċipali l-kelma "confinement" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "delivery".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 404 tat-12 ta' Novembru, 2025.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati